

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2016/1641**tat-12 ta' Settembru 2016**

li jemenda għall-252 darba r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 881/2002 tas-27 ta' Mejju 2002 li jimponi ċerti miżuri speċifiċi restrittivi diretti kontra ċerti persuni u entitajiet assoċjati mal-ISIL (Da'esh) u mal-organizzazzjoni Al-Qaida

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 881/2002 tas-27 ta' Mejju 2002 li jimponi ċerti miżuri speċifiċi restrittivi diretti kontra ċerti persuni u entitajiet assoċjati mal-ISIL (Da'esh) u mal-organizzazzjoni Al-Qaida ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 7(1)(a) u l-Artikolu 7a(5) tiegħu,

Billi:

- (1) L-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 881/2002 jelenka l-persuni, il-gruppi u l-entitajiet koperti mill-iffriżar ta' fondi u ta' riżorsi ekonomiċi skont dan ir-Regolament.
- (2) Fis-6 ta' Settembru 2016, il-Kumitat tas-Sanzjonijiet tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti ddeċieda li jemenda entrata waħda fil-lista tiegħu tal-persuni, il-gruppi u l-entitajiet li għalihom għandu japplika l-iffriżar tal-fondi u tar-riżorsi ekonomiċi. L-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 881/2002 għandu għallhekk jiġi aġġornat skont dan,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 881/2002 huwa emendat skont l-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-12 ta' Settembru 2016.

Għall-Kummissjoni,

F'isem il-President,

Aġent Kap tas-Servizz għall-Istrumenti ta' Politika Barranija

⁽¹⁾ ĠUL 139, 29.5.2002, p. 9.

ANNEX

Fl-Anness I għar-Regolament (KE) Nru 881/2002, l-annotazzjoni “Tarkhan Ismailovich Gaziev (*alias* (a) Ramzan Oduev, (b) Tarkhan Isaevich Gaziev, (c) Husan Isaevich Gaziev, (d) Umar Sulimov, (e) Wainakh, (f) Sever, (g) Abu Bilal, (h) Abu Yasir, (i) Abu Asim, (j) Husan), Data tat-twelid: 11.11.1965, Post tat-twelid: il-villaġġ Bugaroy, id-distrett Itum-Kalinskiy, ir-Repubblika taċ-Ċeċenja, il-Federazzjoni Russa, Indirizz: a) ir-Repubblika Għarbija Sirjana (il-lokalizzat f’Awwissu 2015), b) l-Iraq (post alternattiv potenzjali f’Awwissu 2015), Nazzjonalità: (Mhux irreġistrat bħala ċittadin tal-Federazzjoni Russa), Informazzjoni oħra: Ir-ritratt huwa disponibbli għall-inklużjoni fl-Avviż Speċjali ta’ bejn INTERPOL u l-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU. Id-ata tad-deżinjazzjoni msemmija fl-Artikolu 7d(2)(i): 2.10.2015”, taħt l-intestatura “Persuni fiżiċi” hija sostitwit b’dan li ġej:

“Tarkhan Ismailovich Gaziev (kitba oriġinali: Тархан Исмаилович Газиев), (*alias* (a) Ramzan Oduev (kitba oriġinali: Рамзан Одуев), (b) Tarkhan Isaevich Gaziev (kitba oriġinali: Тархан Исаевич Газиев), (c) Husan Isaevich Gaziev (kitba oriġinali: Хусан Исаевич Газиев), (d) Umar Sulimov (kitba oriġinali: Умар Сулимов), (e) Wainakh (kitba oriġinali: Вайнах), (f) Sever (kitba oriġinali: Север), (g) Abu Bilal (kitba oriġinali: Абу-Билал), (h) Abu Yasir (kitba oriġinali: Абу Ясир), (i) Abu Asim (kitba oriġinali: Абу Ясим), (j) Husan (kitba oriġinali: Хусан), (k) Ab-Bilal, (l) Abu-Naser), Data tat-twelid: 11.11.1965, Post tat-twelid: Itum-Kale, id-distrett ta’ Itum-Kalinskiy, ir-Repubblika taċ-Ċeċenja, il-Federazzjoni Russa, Indirizz: a) ir-Repubblika Għarbija Sirjana (kif lokalizzat f’Awwissu 2015), b) l-Iraq (post alternattiv potenzjali skont Awwissu 2015), Nazzjonalità: Il-Federazzjoni Russa, Informazzjoni oħra: Ritratt disponibbli għall-inklużjoni fl-Avviż Speċjali INTERPOL-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU. Data tad-deżinjazzjoni msemmija fl-Artikolu 7d(2)(i): 2.10.2015.”
